MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 32/2006/1

**Maltacom plc u b'digriet ta' l-1 ta' Marzu 2008 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni ta' isem is-socjeta` attrici fis-sens li jigi mibdul ghal GO plc**

**vs**

**George Cremona**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :
>
> "Illi l-konvenuta ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mitejn u

wiehed u tletin lira maltin u tmienja u tmenin centesimi (Lm231.88,0) dovuti in konnessjoni mas-servizz ta’ analogue line voice (LL-A-voice) bl-ispecial card numbers 4845, 4846, u 4847, liema servizz kien gie nstallat fil-fond 32A, Triq Ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, fuq talba tal-konvenut, skond kif jidher mill-kopja ta’ l-applikazzjoni sottomessa mill-konvenut (Dok.A mal-Avviz tat-Talba) u tliet service agreements relattivi (Dok.B,C, u D mal-avviz hawn annessi mal-Avviz tat-Talba).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-Risposta tal-konvenut li tghid hekk :

“It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut in konnessjoni mas-servizzi allegatament rezi mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici”.

Sama’ il-provi li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi mhuwiex kontestat bejn il-partijiet u jirrizulta wkoll car mill-provi prodotti li :

(i) Il-konvenut kien talab u ghal zmien kien jaghmel uzu minn servizz li toffri l-kumpannija attrici maghruf bhala *leased lines analogue voice*

biex jghaqqad it-tliet hwienet flimkien li ghandu fir-Rabat, Ghawdex, li minnhom il-konvenut jopera n-negozju tieghu;

(ii) Dan iz-zmien li nghata dan is-servizz kien ghall-perjodu bejn it-18 ta’ Novembru 1998 u gie mnehhi fuq talba tal-konvenut innifsu fid-19 ta’ Jannar 2005;

(iii) Il-hlas li qed jintalab mill-kumpannija attrici huwa ghal kiri ta’ dawn il-*leased lines*;

(iv) L-ahhar hlas li sar mill-konvenut kien fil-5 ta’ Settembru 2001.

Illi l-konvenut jippretendi li ma jhallasx l-arretrati tal-kera fl-ammont indikat fl-avviz tat-talba lill-kumpannija attrici ghaz-zmien li skond hu, ma setghax jibqa’ jinqeda b’dan is-servizz minhabba problemi li allegatament kien beda jkollu fit-thaddim ta’ dan is-servizzi wara li l-kumpannija attrici kienet qalbet ghas-sistema digitali, u l-PAPX li kellu ma baqghetx aktar kompatibbli. Fl-affidavit tieghu l-konvenut isemmi wkoll li kien gie f’kuntatt ma’ xi nies teknici tal-kumpannija attrici dwar din l-allegata kwistjoni li kellu mal-kumpannija, izda mkien mill-atti ma jidher li dan gie sostanzjat. L-ahjar prova ghall-konvenut kienet tkun li jtella’ jixhdu lill-haddiema tal-kumpannija li ghamel riferenza ghalihom biex jikkorrobora l-verzjoni tieghu u jissostanzja r-raguni tieghu l-ghaliex jippretendi li m’ghandu jhallas xejn mill-ammont li qed titlob il-kumpannija attrici li jigi kkundannat li jhallasha. Skond il-konvenut beda jkollu problema fit-thaddim tas-sistema bejn wiehed u iehor fis-sena 2001, u minkejja li baqa’ jircievi kontijiet regolarment minghand il-kumpannija attrici ghall-hlas tal-kera, huwa ghazel li jibqa’ sas-sena 2005 biex talab li jnehhi dan is-servizz. It-Tribunal issibha kemm xejn difficli li jemmen din il-verzjoni tal-konvenut u ma jqishiex li hija fededenja. La darba kif stqarr il-konvenut innifsu, huwa kien gie

mgharraf mill-haddiema teknici tal-kumpannija attrici li l-PAPX tieghu ma baqghetx aktar tajba biex taqdi l-bzonnijiet tieghu wara li l-kumpannija attrici kienet qalbet ghas-sistema digitali, huwa ghazel li jibqa’ ghaddej bis-servizzi xorta wahda, u ddecied li jnehhih erbgha snin wara, ma jistax issa l-konvenut jippretendi li ma jhallasx il-kera relattiva tas-servizz ghal dan iz-zmien ukoll.

It-Tribunal ezamina d-dokument EC9 li huwa *itemised breakdown* tal-kont u fid-dawl tax-xhieda ta’ Alison Beach, ma jsib xejn zbaljat f’dan il-kont. Jirrizulta mix-xhieda taghha li t-tariffi ghal *leased lines* kienu gew riveduti b’effett mill-1 ta’ Dicembru 2004, u b’dan kienu gew avzati l-abbonati kollha kemm b’avvizi li kienu gew ippubblikati fil-gazzetti kif ukoll permezz ta’ avvizi li ntbaghtu direttament lilhom bil-posta, u ghalkemm ghal xi zmien il-kontijiet tal-kera baqghu johorgu bit-tariffa l-antika, din kienet dovuta biss ghal xi problema interna tal-kumpannija sakemm giet irrettifikata is-sistema komputeraizzata, u d-differenza ta’ mija u sitt liri maltin u tnejn u sittin centesimi (Lm106.62,0) kienet giet iddebitata fil-kont tal-konvenut fil-11 ta’ Mejju 2005, li flimkien ma’ l-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira maltin u sitta u ghoxrin centesimi (Lm125.26,0) tal-kera mensili li baqghet tohrog fit-tariffa l-antika  wkoll wara li t-tariffi kienu gew riveduti fl-1 ta’ Dicembru 2004, jammontaw ghal mitejn u wiehed u tletin lira maltin u tmienja u tmenin centesimi (Lm231.88,0).

Illi dan kollu ma jhalli l-ebda dubbju f’mohh it-Tribunal li dak li qeghdha titlob il-kumpannija attrici f’din il-kawza ghandha jedd ghalih, u m’hemm l-ebda raguni siewja l-ghaliex it-talba taghha m’ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talba tal-kumpannija attrici u jikkundanna lill-konvenut biex

> ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira maltin u tmienja u tmenin centesimi (Lm231.88) ekwivalenti ghal hames mija u erbghin Euro u erbatax il-centesimi Euro [Euro 540.14], ammont dovut bhala hlas li l-konvenut halla pendenti f'arretatri tal-kera ghas-servizzi ta' *leased lines analogue voice*, bl-imghax legali b'effett mid-19 ta' Jannar 2005, sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut."

Il-konvenut jiddenunzja din is-sentenza bil-prospettazzjoni illi din kienet tivvjola d-dettami ta' l-ekwita` bi pregudizzju ghad-drittijiet tieghu in bazi ghas-segwenti:-

(i) It-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq provi estraneji ghal dawk stabbiliti fil-process. Dan b'riferenza ghall-komputazzjoni maghmula mit-Tribunal tas-somma reklamata;

(ii) It-Tribunal ikkundannah ihallas ghal servizz li l-kumpanija attrici qatt ma forniet;

Din il-Qorti gja f'aktar minn okkazjoni wahda kellha l-opportunita` tesprimi l-hsieb illi decizjoni skond l-ekwita fit-termini ta' l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 kellha tkun wahda li generalment timporta illi l-Gudikatur ikun zvinkolat mill-osservanza rigoruza tal-ligi sostanzjali u li dik id-decizjoni tieghu tittiehed skond il-principju intwittiv ta' dik il-prudenza diskrezzjonali li l-kuxjenza tieghu kienet hekk, ekwament, tissuggerilu. Logikament, dan dejjem fil-konfini tal-fatti tal-kaz konkret;

Il-kaz in ezami jitratta minn hlas ghal kiri ta' *telephone exchange lines* installati fit-tliet fondi tan-negozju appartenenti lill-konvenut. Fuq dan ma tezisti ebda divergenza. Naturalment la l-kumpanija attrici kienet qed tallega li hu dovut hlas lilha ghal prestazzjoni ta' dan is-

servizzi hi kellha ggib il-prova certa, attendibbli u ragonevolment preciza ta' l-ammont tal-hlas lilha hekk dovut;

Biex jikkumbatti din il-pretensjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenut jikkontrapponi b'difiza dan li gej, estratt mix-xhieda tieghu a fol. 37:-

(1) Bl-introduzzjoni tas-sistema digitali mis-socjeta` attrici huwa rrinfaccja problemi serji fit-thaddim tas-sistema tal-PABX li kien xtara minn Londra, tant li kellu jirrikorri ghat-teknici ghall-verifika ta' dan l-ilment tieghu. F'dan il-kuntest isemmi lil certu Peter Borg u Francis Cini;

(2) Is-servizz gie sospiz minn naha tal-kumpanija attrici;

(3) L-i*statement*ipprezentat mis-socjeta` appellata huwa fittizju u ma jirriflettix is-sitwazzjoni reali tal-kont;

(4) Ippretenda li s-servizz jkun ikkancellat mis-socjeta` appellata ghax kienet din li unilateralment u bla preavviz itterminat is-servizz;

Ta' min jirregistra wkoll illi bhala stat ta' fatt il-konvenut appellanti ttermina s-servizz fl-2005. Dan anke ghaliex kif spjegat minn ibnu Joseph Cremona (fol. 58) il-konvenut kien qed jipprova jassikura mis-socjeta` attrici illi s-sistema tieghu ("*analogue*") tigi adattata mal-linji l-godda ("digitali");

Premessi dawn id-difizi jibda biex jinghad bi preliminari illi hu principju kardinali sew assodat fid-duttrina procedurali illi l-gudikant hu fid-dover li jiddeciedi "*iuxta alligata et probata*", u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tkun estratta unikament mill-provi allegati u minn dawk tac-cirkustanzi ta' fatt migjuba 'l quddiem ghas-sostenn tat-talba jew tad-

difiza. Naturalment, il-gudikant ghandu setgha diskrezzjonali ampja li jivvaluta l-elementi tal-provi processwalment akkwiziti, dejjem, s'intendi, illi dik il-valutazzjoni tieghu jsostniha b'motivazzjoni adegwata li tindika r-raguni tal-konvinciment tieghu;

Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li t-Tribunal ippresta attenzjoni lill-*itemised breakdown* tal-kont (Dok. EC9) esebit mix-xhud Emanuel Cini minn fol. 28 sa fol. 30. Apparti li ma jirrizultax li dan il-*breakdown* gie ikkontestat, ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli jaghmel analisi xierqa tieghu fil-kuntest tal-provi li tressqu quddiemu. L-appellanti jikkwerela illi d-deduzzjoni li ghamel it-Tribunal fuq din il-materja ma ghandhiex is-suffragju ta' xi prova. Fuq dan l-appellanti ma huwa xejn preciz, ghax jekk wiehed jezamina sew l-Affidavit ta' Alison Beach (fol. 65), Branch Manager tas-socjeta` attrici ghandu jirrizulta illi din tati spjegazzjoni plawsibbli ta' kif ir-*rental fees* gew assessjati ghal zmenijiet partikulari. L-ilment fuq dan il-punt ma jistax ghalhekk jitqies sostenibbli;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jrid jinghad illi d-disposizzjoni tal-provi hi haga li hi dejjem imhollija fl-inizzjattiva tal-parti li tipproduci. Jekk allura jkun jirrizulta, kif inhu l-kaz hawnhekk, illi l-konvenut naqas milli, adegwatament u konvincevolment, jiddisimpenja ruhu mill-piz li jsostni l-allegazzjoni kontrapposta minnu illi s-servizz ma nghatalux ghal dik ir-raguni, jkun illogiku illi hu jippretendi illi t-Tribunal kien messu accetta l-asserzjoni tieghu meta din mhix sostanzjata minn elementi ta' provi certi u sufficjenti. Dan qed jigi rilevat in kwantu kien dejjem fil-poter dispositiv tieghu li jressaq 'il quddiem ix-xhieda tat-teknici Peter Borg u Francis Cini li hu stess isemmi ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni ta' problemi serji fit-thaddim tas-sistema tal-PABX;

Ikkonsidrat dan kollu, il-fatt jibqa' illi l-kontrattazzjoni li saret bejnu u s-socjeta` appellata kellha tigi rispettata bil-

hlas tat-tariffi applikabbli sakemm hu nnifsu ma ddecidiex li jittermina s-servizz lilu provvdut b'dik l-istess kontrattazzjoni. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti taccetta c-censura ta' l-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata. Anke allura dan it-tieni aggravju qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------